MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 7/2007

Carmelo Buttigieg

vs

Emanuel Mercieca

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tal-attur Carmelo Buttigieg li permezz tieghu qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat li jhallsu s-somma ta’ sitt mija u hames liri maltin (Lm605) dovuti bhala ammont minn bilanc akbar dovut ghal xoghol li l-attur hadem mal-konvenut.

Oltre dan l-attur qed jitlob ukoll li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjez tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ Jannar 2007, u l-ispejjez kollha konnessi mal-avviz tat-talba.

Ra li l-konvenut gie debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fil-10 ta’ Marzu 2007, u baqa’ ma

dahhal ebda risposta, u ghalhekk it-terminu moghti mill-ligi ghar-risposta ghadda.

Billi ghalkemm innotifikat regolarment il-konvenut baqa' ma deherx ghall-udjenza tat-18 ta' April 2007, biex jikkontesta t-talba attrici, u wkoll wara li l-kawza giet debitament imsejha skond il-ligi u gie msejjah il-konvenut diversi drabi, il-konvenut baqa' xorta wahda ma deherx, u dan bla ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehera tieghu.

Sema' lill-attur Carmelo Buttigieg bil-gurament fl-udjenza tat-18 ta' April 2007, li spjega u kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba baqa' ma giex saldat xejn minnu mill-konvenut, u li l-konvenut ma ndenjax jaghmel ebda pagament u l-ammont mitlub ghadu dovut fl-intier tieghu.

Fl-istess udjenza tat-18 ta' April 2007, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2007, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, baqa' ma deherx, u l-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ikkunsidra li t-talba tal-attur hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lill-konvenut Emanuel Mercieca li jhallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u hames liri maltin (Lm605) ghar-ragunijiet imsemmija fl-avviz tat-talba, bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data ta' dina d-decizjoni sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha konnessi mat-talba tal-attur inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Jannar 2007, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------